KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Wiehed u Disghin (91)***

***It-Tlieta, 7 ta' Jannar, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**91.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

91.1.1 Tressqet ittra ta' Apologija minghand il-Kunsilliera Marianne Schembri. Il-Kunsill approva din l-ittra.

**91.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

91.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 90 li nzammet nhar it-Tlieta, 4 ta' Dicembru 2018.

91.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 90 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

91.2.3 **Mozzjoni 91-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 90.

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 90 gew approvati unanimament.

**91.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 91/2018 – Dicembru 2018***

91.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 91-2018 biċ-ċekkijiet numru 6325 sa 6360 li tammonta €25,448.46

91.3.2 **Mozzjoni 91-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 91-2018 bl-ammont ta' €25,448.46

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 91-2018 giet approvata unanimament.

**91.4 Laqgha tal-Lokalita'**

91.4.1 Il-Laqgha tal-lokalita' giet proposta li ssir fil-5 ta' Frar 2019 fil-5:00pm

**91.5 Approvazzjoni tal-Rapport Annwali Amministrattiv 2018**

91.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tat rendikont tar-Rapport Annwali Amministrattiv fejn spjegat il-kontenut kollu f'punti qosra ta' kull xoghol li sar f'kull qasam matul is-sena 2018 u dak li hu propost li jsir fis-sena 2019.

91.5.2 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv gie approvat unanimament mill-membri prezenti.

**91.6 Korrispondenza**

91.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fethet id-diskussjoni dwar it-talba sabiex jinbiegh il-garaxx tal-Kunsill. Is-Sindku Darren Abela qal li l-Kunsill m'ghandux jikkometti ruhu li jbiegh il-garaxx li ghandu qabel isib garaxx iehor li jista jinxtara. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-Kunsill m'ghandux ibiegh assi li ghandu prezenti biex jispicca jikri garaxx iehor. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-membri prezenti. Is-Sindku Darren Abela qal li ghandu jinforma lill-entita' interessata dwar dan.
Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ppropona li minflok il-letrini li hemm fuq Santu Rokku, il-Kunsill japplika ghal garaxx kif ukoll, il-Kunsill jista japplika ghall-garaxx min-naha ta' Triq il-Gardell. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jressaq dawn iz-zewg talbiet lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

*F'dan l-istadju, il-laqgha giet sospiza bejn is-6:50pm u is-7:10pm sabiex issir diskussjoni.*

91.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender tal-Patching. Dan ir-rapport gie approvat u iffirmat mill-membri tal-Bord.

91.6.3 Tressqet korrispondenza dwar il-Laqgha Regjonali. Il- Sindku Darren Abela ikkonferma li se jattendi.

91.6.4 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex jigu organizzati Fitness Class fil-Lokalita'. Il-Kunsill qabel li jkellem l-kappillan jistax jikrilna s-Sala Parrokjali kif ukoll naraw nistghux nuzaw s-sala tal-iskola u nhallsu l-purtinar.

91.6.5 Tressqet talba sabiex tissemma triq ghal Dr Joseph F.Cassar Galea. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra din it-talba.

*91.6.6* Tressqet talba sabiex Triq Patri Grigor Grima tigi *except to access Triq Patri Grigor Grima.* Din it-talba giet approvata.

91.6.7 Rigward il-maratona tal-Karnival, is-Sindku qal li ghad ma kellmuhx il-pulizija dwar l-istima u l-laqgha tal-organizzazzjoni. Is-Sindku Darren Abela kompla billi qal li se jkun qieghed jaghmel laqghat mac-Chairperson tal-V18, sabiex ninghataw ghajnuna finanzjarja biex tkopri iz-zewg attivitajiet.

**91.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

91.7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-attivitajiet tal-Karnival ghal din is-sena fejn il-Kunsill qabel li minhabba li se tizdied il-maratona, din is-sena l-budget ghandu jkun ta' €9000.

91.7.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona ukoll li tingieb *quote* ghal *billboard* tal-Karnival sabiex jitpogga f'post prominenti.

91.7.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-fanal li bhalissa hemm fil-bandli titwahhal fil-fetha li hemm fi Triq ic-Ceppun kantuniera ma Triq il-Hatem. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal Leli li dawk il-fanali huma tal-Enemalta u ghaldaqstant ghandna ninfurmaw lilhom.

91.7.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-camera li hemm fil-Housing Estate, dik li kienet tissorvelja iz-zona ta fejn kien hemm il-bins, ppropona li ddur fuq il-flats u dan fuq talba tar-residenti stess. Dwar dan il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

91.7.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-parkeggi li hemm fi Triq San Pawl jigu mizbugha man-naha l-ohra tat-triq. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

**<u>91.8</u> <u>Mozzjonijiet</u>**

91.8.1 Annessi mal-Minuti

**91.9 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri</u>**

91.9.1 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li l-Kunsill jerga jpoggi skip wahda tal-hgieg, minhabba li dan jingabar biss darba fix-xahar. IL-Kunsill qabel li jiddiskuti din il-proposta mal-Greenpak.

91.9.2 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm bzonn kinsa fi Triq ic-Cimiterju kif ukoll l-isqaqin ta' magenb il-kazin Santa Marija.

**91.10 <u>Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss</u>**

91.10.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2019 fl-5.30pm u qabel issir il-Laqgha Annwali fil-5.00pm

Il-Laqgha ntemmet fit-7.50pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 91**

**Mozzjoni Ref:** 91-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 90

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Keith Fenech | Rose Agius |

**Data:** 7 ta' Jannar 2019

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 91**

**Mozzjoni Ref:** 91-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 91

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Keith Fenech | Rose Agius |

**Data:** 7 ta' Jannar 2019

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**